**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 13 ta' Frar, 2018

**Il- Pulizija**
**(Spettur Roderick Spiteri)**

**-vs-**

**Matthew Borg, iben Alfred u Mary xebba Cuschieri, imwieled il-Pieta` nhar is-17 ta' April, 1980, residenti 33, Flat 1, Triq Sir William Reid, Gzira, u detentur tal-Karta tal-Identita' numru 200280M**

*Kumpilazzjoni Nru. 103/2018*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Matthew Borg u ċioè talli:

F'dawn il-Gzejjer, nhar it-8 ta' Frar, 2018, u fix-xhur ta' qabel:

1. Appropja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat; fejn il-haga fdata jew ikkunsinnata lill-hati giet minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju; fejn

l-ammont ta'hsara maghmula mill-hati huwa aktar minn hames mitt euro (€500) izda mhux aktar minn hamest elef euro (€5000).

2. Bi hsara ta'haddiehor ghamel xi qligh b'qerq mhux imsemmi fl-artikoli ta'qabel;

3. Nstab fil-pussess ta' jew kellu taht il-kontroll tieghu xi oggett ghall-uzu fit-twettaq jew f'konnessjoni ma' xi frodi.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta'htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas, l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap, 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma minn din il-Qorti nhar id-9 ta' Far, 2018, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi t-tielet imputazzjoni serviet ta' mezz ghal fini tal-ewwel imputazzjoni;

Illi t-tieni imputazzjoni nghatat bhala alternattiv ghall-ewwel imputazzjoni;

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li jinsab akkuzat bihom l-imputat, l-ammissjoni ferm bikrija tieghu, il-fatt li kif stqarr l-ufficjal prosekutur, il-kowoperazzjoni mill-bidu nett tal-imputat mal-awtoritajiet investigattivi fejn spjega ic-cirkostanzi li ghalkemm qatt ma jistghu jiggustifikaw jew jiskuzaw l-ghemil tieghu, jidher li kkostringewh jikkometti d-delitti kontestati lilu. Giet ikkunsidrata wkoll il-fedina penali netta tieghu, kif ukoll ic-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17(h), 18, 31, 308 u 310(1)(b) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, izda bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn millum.

Finalment wara li rat l-artikolu 532A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-imputat jikkumpensa lil parti leza is-somma ta' €1010 fi zmien sentejn millum.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-hlas tal-esperti billi ma jirrizultax li kien hemm tali hlas involut.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**